**Qorti tal-Magistrati (Ghawdex)**
**Gudikatura Kriminali**

**Magistrat Dottor Giovanni Grixti LL.D. LL.M.**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Antonello Grech)**

**- vs -**

**Peter Paul Falzon iben Saviour u Josephine nee Muscat li joqghod 94, Triq it-Tigrija, Nadur, Ghawdex.**
**(I.D. No 37950G)**

Illum 28 ta' Frar 2001.

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra l-imputat talli fl-4 ta' Lulju 2000 ghall-habta ta' l-10:28a.m. fi Triq tas-Sajd, Nadur, Ghawdex, (1) bhala sid ta' mutur P 7013 (M) ta' ghamla Suzuki, naqas li jara li jkollu dejjem u f'kull zmien licenzja mahruga mill-Kummissarju tal-Pulizija, (2) talli saq jew ippermetta li jinsaq mutur P-7013 minghajr ma kien assigurat jew kopert b'polza ta' assikurazzjoni rigward ir-riskji tat-terzi persuni, (3) aktar talli naqas li jbiddel il-pjanci tar-registrazzjoni ma' dawk godda li huma mahruga mill-Kummissarju tal-Pulizija, (4) aktar talli ghamel uzu minn numri ta' l-identita` diversi (BEU 523) minn dawk li kienu gew moghtija lilu mill-Kummissarju tal-Pulizija. F'kaz ta' htija l-Qorti hija gentilment mitluba li barra l-piena stabbilita tiskwalifika lill-imputat milli jkollu jew jottjeni licenzja tas-sewqan ghall-perjodu ta' zmien li jidhrilha xieraq.

Semghet il-provi;

Issib lill-imputat hati;

Wara li rat l-artikoli 3 tal-Kap 104, 31, 33 (2), 34 u 18 (1) ta' l-Avviz Legali 128/94, 15 u 18 (1) u Skeda II tal-Kap 65;

Tikkundannah ghall-hlas ta' multa komplessiva ta' tlett mija u hamsin lira Maltija (Lm350).

Tiskwalifikah milli jkollu jew jottjeni licenzja tas-sewqan ghal zmien sena mill-lum.

(ft) Giovanni Grixti
Magistrat

(ft) Eva Buttigieg
Skrivana

Vera Kopja

Ghar-Registratur